DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-25 ta' Frar 2008

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1980 li tistabbilixxi l-kumitat konsultattiv għall-programm tal-fużjoni

(2008/182/Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari r-raba' paragrafu ta' l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/970/Euratom tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika (Euratom) għar-riċerka nukleari u attivitajiet ta' taħriġ [1], li jikkontribwixxi wkoll għall-ħolqien ta' soċjetà msejsa fuq l-għarfien, abbażi taż-Żona Ewropea ta' Riċerka,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/976/Euratom tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (Euratom) għal riċerka nukleari u attivitajiet ta' taħriġ (2007-2011) [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 7.2 tiegħu li jipprovdi li għall-finijiet ta' l-implimentazzjoni tal-programm speċifiku, il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat konsultattiv, kif ukoll li għall-aspetti relatati mal-fużjoni, il-kompożizzjoni ta' dan il-kumitat u r-regoli dettaljati tat-thaddim u l-proċeduri applikabbli għalih għandhom ikunu kif stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1980 li tistabbilixxi l-Kumitat konsultattiv għall-programm tal-fużjoni (CCE-FU) [3],

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni 2005 u b'mod partikolari l-Artikolu 50 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1980 u b'mod partikolari l-paragrafu 14 tiegħu li jistipula sistema tal-voti fis-CCE-FU,

Billi:

(1) Is-CCE-FU għandu jagħti l-opinjonijiet tiegħu permezz ta' sistema piżata ta' voti f'dak li jirrigwarda l-§5.g) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1980, biex *"jiddefinixxi azzjonijiet prijoritarji bil-ħsieb li jiġi allokat appoġġ preferenzjali"*.

(2) Fil-21 ta' Marzu 2007, is-CCE-FU unanimament irrakkomanda li jaġġorna s-sistema piżata tal-voti li għandha tkun applikata fi ħdan il-kumitat imsemmi fil-paragrafu 14 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1980, meta jittratta aspetti relatati mal-fużjoni, sabiex jiġu inklużi d-drittijiet tal-vot ta' l-Istati Membri l-ġodda wara l-adeżjoni tagħhom.

(3) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, issa huwa f'loku li d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1980, tiġi emandata kif ġej,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Fil-paragrafu 14 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1980, l-aħħar żewġ sentenzi għandhom jinbidlu bit-test i ġej:

"Opinjonijiet relatati mal-punt (g) tal-paragrafu 5 għandhom jiġu adottati permezz tas-sistema piżata tal-voti li ġejja:

Il-Belġju	2
Il-Bulgarija	2
Ir-Repubblika Ċeka	2
Id-Danimarka	2

[1] ĠU L 400, 30.12.2006, p. 60. Ikkoreġut bil-ĠU L 54, 22.2.2007, p. 21.
[2] ĠU L 400, 30.12.2006, p. 404. Ikkoreġut bil-ĠU L 54, 22.2.2007, p. 139.
[3] Mhux ippubblikat, imma emendat l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/336/Euratom (ĠU L 108, 29.4.2005, p. 64).

Il-Ġermanja	5
L-Estonja	1
Il-Greċja	2
Spanja	3
Franza	5
L-Irlanda	2
L-Italja	5
Ċipru	1
Il-Latvja	1
Il-Litwanja	2
Il-Lussemburgu	1
L-Ungerija	2
Malta	1
L-Olanda	2
L-Awstrija	2
Il-Polonja	3
Il-Portugall	2
Ir-Rumanija	2
Is-Slovenja	1
Is-Slovakkja	2
Il-Finlandja	2
L-Iżvezja	2
Ir-Renju Unit	5
L-Iżvizzera	2
Total	64

Għall-adozzjoni ta' opinjoni, il-maġġoranza rikjesta għandha tkun 33 vot favur minn talanqas ħmistax-il delegazzjoni."

Magħmul fi Brussell, 25 ta' Frar 2008.

Għall-Kunsill

Il-President

A. VIZJAK